**INFLUWENZA A H1N1 – AĠĠORNAMENT**

L-ewwel persuni li ġew identifikati li għandhom l-Influwenza A H1N1 kważi fiequ kompletament. Dan jikkonferma l-fatt li filwaqt li għandna nkunu viġilanti, l-ebda każ konfermat m'hu qiegħed ikollu kumplikazzjonijiet.

Sadattant, mit-testitijiet tal-bieraħ filgħaxija rriżulta li 2 persuni kienu pożittivi għall-Influwenza A H1N1.

Dawn huma (1) Mara Maltija (32 sena) li kellha kuntatt ma' wieħed mill-ewwel każijiet li konna sibna, u żagħżugħ Malti (16- il sena) li kien ġej mill-Ingilterra.

Mit-testijiet li saru dalgħodu nstab li 3 persuni (22, 23 u 24 sena) ta' sess maskili huma wkoll pożittivi. Dawn it-tliet persuna huma mill-Għarb, Għawdex, l-istess post li minn fejn ġejja t-tfajla li kienet konfermata bħala pożittiva l-bieraħ filgħaxija.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' Mario Galea qal li ma hemmx indikazzjoni li l-4 persuni mill-Għarb ivvjaġġaw, u hemm suspetti li hemm gruppi ta' nies fl-Għarb stess li għandhom l-Influwenza.

Bħalissa għaddejjin l-investigazzjonijiet meħtieġa.

Dan ifisser li sa issa hawn total ta' 24 persuna li għandhom l-Influwenza A H1N1.

Is-Segretarju Parlamentari Mario Galea qal li ma hemmx lok għal paniku, filwaqt li kulħadd ikun responsabbli mill-aġir tiegħu u jekk iħossu ma jiflaħx ma joħroġx.

Hu qal ukoll li s-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunità innota li maġġoranza ta' dawk li ċemplu fuq il-*helpline* staqsew jekk jistgħux jieklu majjal. Fil-fatt dan jista' jsir, jekk naturalment il-majjal ikun imsajjar sewwa.

Għal dan il-għan is-Segretarjat ifakkar li, bħal ma sostniet l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, l-Influwenza għandha tissejjaħ bl-isem tagħha, jiġifieri Influwenza A H1N1.